KONKLUŻJONIJIET TA' L-AVUKAT ĠENERALI
RUIZ-JARABO COLOMER
ippreżentati fit-23 ta' Jannar 2007 [1]

I — Introduzzjoni

1. Il-ftehim imħallta kienu ġew deskritti bħala kumplikazzjoni inevitabbli, għaliex jikkontribwixxu sabiex jorganizzaw realtà politika li hija wkoll kumplessa [2]. Id-domanda preliminari magħmula mis-Supremo Tribunal de Justiça (Qorti Suprema Portugiża) jippuntaw lejn din il-komplessità, paradossalment permezz ta' żewġ domandi diretti, li huma faċilment moqrija u mifhuma iżda li għandhom sentiment emozzjonali ta' nuqqas ta' ftehim moħbija, li jqumu minħabba n-natura essenzjali tagħhom.

2. Il-kuntest ta' din il-kawża huwa familjari: il-Ftehim TRIPs, waħda mill-ftehim iffirmati fl-1994 fil-kuntest ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ [3]. Minkejja li għal darb'oħra l-kawża tikkonċerna l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tinterpreta dispożizzjoni speċifika u jekk din id-dispożizzjoni għandhiex effett dirett, din il-kawża hija differenti mill-kawżi preċedenti peress li r-rinviju mhuwiex relatat mal-liġi tat-trade marks iżda mal-liġi tal-privattivi.

3. Għalhekk hemm bżonn li ssir analiżi fil-fond tal-progress milħuq fil-qasam ta' l-ewwel fost iż-żewġ oqsma, sabiex jiġi ddeterminat jekk huwiex biżżejjed li jiġu adattati, jekk għandhomx ikunu s-suġġett ta' modulazzjoni aktar importanti jew ukoll jekk jeħtieġux reviżjoni kompleta. F'kull ipoteżi, għandhom jiġu enfasizzati l-konsegwenzi prattiċi importanti li jirriżultaw minn din il-ġurisprudenza, li emendat il-forma kif il-

1 — Lingwa oriġinali: l-Ispanjol.

2 — Dashwood, A., "Why continue to have mixed agreements at all?", f'Bourgeois, H.-J / Dewost, J.-L. / Gaiffe, M.-A., (Edituri), *La Communauté européenne et les accords mixtes: quelles perspectives?*, Collège d'Europe, Brugge, 1997, p. 98.

3 — Ftehim dwar l-aspetti tad-drittijiet tal-proprjetà intelletwali relatati mal-kummerċ (iktar 'il quddiem il-"ftehim TRIPs") — Anness IC tal-Ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (iktar 'il quddiem il-"ftehim WTO", approvat f'isem il-Komunità, permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-ġurisdizzjoni tagħha, fuq il-ftehim milħuq fil-Laqgħa ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994) (ĠU L 336, p. 1, il-Ftehim TRIPs jinsab f'p. 213).

politika esterna Komunitarja hija eżerċitata billi evitat b'mod partikolari n-negozjament ta' prattiċi mħallta [4].

"It-terminu ta' protezzjoni disponibbli m'għandux jintemm qabel jiskadi perijodu ta' għoxrin sena li jibda jgħodd mid-data tar-reġistrazzjoni."

II — Il-kuntest ġuridiku

6. Minbarra dan, fil-Parti VII ta' l-Anness, li tirrigwarda l-arranġamenti istituzzjonali u dispożizzjonijiet finali, l-Artikolu 70, intitolat "Protezzjoni ta' Fatti Eżistenti", jipprovdi:

A — *Il-Ftehim TRIPs*

4. Bl-għan li jkun hemm armonizzazzjoni parzjali tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali minħabba l-impatt inċidentali tagħhom fuq il-kummerċ internazzjonali, il-Ftehim TRIPs jinkludi serje ta' dispożizzjonijiet applikabbli għal diversi tipi ta' proprjetà intellettwali. Ser insemmi dawk li jaffettwaw il-privattivi u li jgħinu sabiex din il-kwistjoni tiġi kkjarifikata.

"1. Dan il-Ftehim ma jwassalx għal obbligi dwar atti li saru qabel id-data ta' l-applikazzjoni tal-Ftehim għall-Membru fil-kwistjoni.

2. Ħlief fejn provdut mod ieħor [...], dan il-Ftehim iwassal għal obbligi dwar fatti kollha li jeżistu mid-data ta' l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim għall-Membru fil-kwistjoni, u li huwa protett f'dak il-Membru fid-data msemmija, jew li jilħaq jew jiġi sussegwentement sabiex jilħaq mal-kriterji għall-protezzjoni taħt it-termini ta' dan il-Ftehim [...]

5. Għaldaqstant, l-Artikolu 33 ta' dan il-Ftehim, li jinsab fil-Parti II, Taqsima 5, dwar l-għan u l-użu tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, taħt it-titolu "It-Terminu ta' Protezzjoni", jipprovdi kif ġej:

[...]"

4 — Rosas, A., "The European Union and mixed agreements", f'Dashwood, A., Hillion, Ch., *The General Law of the E.C. External Relations*, Sweet & Maxwell, Londra, 2000, p. 216 *et seq.*

B — *Id-dritt nazzjonali*

7. Il-liġi preċedenti dwar il-privattivi fil-Portugall kienet tifforma parti mid-Digriet Nru 30.679, ta' l-24 ta' Awwissu 1940, li f'dik is-sena approva l-Kodiċi dwar il-Proprjetà Industrijali (iktar 'il quddiem il-"Kodiċi ta' l-1940"). L-Artikolu 7 ipprovda li dawk id-drittijiet intanġibbli kellhom jitqiegħdu fid-dominju pubbliku 15-il sena wara l-għotja tal-privattiva.

8. Il-Liġi Nru 16/95 adottat test leġiżlattiv ġdid, li ilu fis-seħħ sa mill-1 ta' Ġunju 1995 (iktar 'il quddiem il-"Kodiċi ta' l-1995"), fejn l-Artikolu 94 tiegħu jipprovdi li privattiva hija valida għal 20 sena mid-data tat-talba għal reġistrazzjoni.

9. Madankollu, sabiex jiġu rregolati sitwazzjonijiet ta' liġi tranżitorja, l-Artikolu 3 tal-Kodiċi ta' l-1995 kien ifformolat kif ġej:

"Il-privattivi li għalihom saret applikazzjoni qabel ma dan id-Digriet Leġiżlattiv daħal fis-seħħ se jibqgħu validi skond il-perijodu ta' validità li ġie mogħti lilhom mill-Artikolu 7 tal-Kodiċi (ta' l-1940)."

10. Sussegwentement, l-Artikolu 3 ġie mħassar, mingħajr effett retroattiv, permezz ta' l-Artikolu 2 tal-Liġi Nru 141/96 tat-23 ta' Awwissu 1996, li kienet fis-seħħ sa mit-12 ta' Settembru 1996. Skond l-Artikolu 1 ta' din il-liġi nazzjonali:

"Il-privattivi li għalihom saret applikazzjoni qabel ma daħlet fis-seħħ id-Digriet leġiżlattiv Nru 16/95 ta' l-24 ta' Jannar 1995 u li kienu validi fl-1 ta' Jannar 1996 jew li ngħataw wara din id-data, għandhom jiġu rregolati mill-Artikolu 94 tal-Kodiċi (ta' l-1995) [...]"

11. L-Artikolu 94 żied il-protezzjoni ta' dawk id-drittijiet ta' proprjetà intanġibbli b'ħames snin.

12. Fil-5 ta' Marzu 2003 l-Kodiċi ta' Proprjetà Intellettwali fis-seħħ ġie adottat permezz tad-Digriet leġiżlattiv Nru 36/2003, fejn l-Artikolu 99 tiegħu jipprovdi:

"Termini

Il-terminu tal-privattiva huwa ta' 20 sena mid-data li fiha t-talba korrispondenti tiġi ppreżentata."

III — Il-fatti li wasslu għall-kawża

13. Merck & Co. Inc. (iktar 'il quddiem 'Merck') hija l-proprjetarja tal-privattiva għal invenzjoni Nru 70.542, mogħtija fit-8 ta' April 1981, bi prijorità mill-11 ta' Diċembru 1978, intitolata "Proċess ta' preparazzjoni ta' derivattivi ta' aċidi amminiċi bħala ipertensivi" sabiex tiġi żviluppata l-kompożizzjoni kimika 'Enalapril' u jiġi mmanifatturat 'Maleato de Enalapril'. Il-kompożizzjoni farmaċewtika in kwistjoni ilha kkummerċjalizzata sa mill-1 ta' Jannar 1985 taħt it-trade mark 'Renitec'.

14. Merck Sharp & Dohme L[da]. (iktar 'il quddiem "MSD"), kisbet liċenzja sabiex tuża' dik il-privattiva għall-użu, bejgħ jew li tuża' bi kwalunkwe mod il-prodotti Renitec fil-Portugall, flimkien ma' dritt ta' protezzjoni ta' l-imsemmija privattivi.

15. Fl-1996 Merck Genéricos-Produtos Farmacêuticos L[da]. (iktar 'il quddiem "Merck Genéricos") introduċiet prodott fis-suq taħt it-trade mark Enalapril Merck bi prezzijiet li kienu sostanzjalment inqas minn dawk ta' Retinec u għamlet promozzjoni ta' l-użu tiegħu mit-tobba, filwaqt li sostniet li kien l-istess prodott.

16. Merck u MSD ressqu rikors kontra Merck Genéricos sabiex jimpedixxu l-użu direct jew indirett (impurtar, manifattura, preparazzjoni, immaniġġjar, ippakkjar jew bejgħ) tal-prodott farmaċewtiku Enalapril Merck, kemm fil-Portugall jew sabiex jiġi esportat, anke jekk taħt deskrizzjoni kummerċjali oħra, li jinkludi s-sustanzi attivi 'Enalapril' jew 'Maleato de Enalapril', mingħajr l-awtorizzazzjoni espliċita u formali tagħhom. Huma talbu wkoll kumpens ta' dannu materjali u morali fl-ammont ta' ESC 32 500 000.

17. Fid-difiża tagħha, Merck Genéricos sostniet li l-privattiva Nru 70.542 kienet reġgħet lura fid-dominju pubbliku fit-8 ta' April 1996, meta skada t-terminu ta' 15-il sena kif ipprovdut fl-Artikolu 7 tal-Kodiċi ta' l-1940, skond id-dispożizzjonijiet tranżitorji stabbiliti mill-Artikolu 3 tal-Kodiċi ta' l-1995.

18. MSD ibbażat ruħha fuq l-Artikolu 33 tal-Ftehim TRIPs sabiex issostni li l-privattiva baqgħet valida sa l-4 ta' Diċembru 1999.

19. Ir-rikors ġie miċħud fl-ewwel istanza.

20. Fit-tieni istanza, it-Tribunal da Relação (Qorti ta' l-Appell) ta' Liżbona, laqgħet it-talba tar-rikorrenti u ordnat lil Merck Genéricos tħallas kumpens għad-dannu kkawżat minn ksur tal-privattiva Nru

70.542, minħabba li, skond l-Artikolu 33 tal-Ftehim TRIPs, li għandu effet dirett, it-terminu ta' protezzjoni ma kienx skada fid-9 ta' April 1996 kif sostniet il-konvenuta fl-ewwel istanza, iżda ħames snin wara.

21. Merck Genricos ressqet rikors fil-kassazzjoni kontra din is-sentenza quddiem is-Supremo Tribunal da Justiça, billi kkontestat l-effett dirett attribwit lill-Artikolu 33 iċċitat iktar 'il fuq.

22. Il-qorti suprema Portugiża tosserva li, għalkemm l-Artikolu 94 tal-Kodiċi ta' l-1995 estenda l-validità tal-privattivi għal 20 sena, din id-dispożizzjoni ma kinitx applikabbli għal dan il-każ; b'hekk, il-privattiva Nru 70.452 skadiet fit-8 ta' April 1996, fl-aħħar tal-perijodu ta' 15-il sena stabbilit fl-Artikolu 7 tal-Kodiċi ta' l-1940. Minħabba dan il-fatt, l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 33 tal-Ftehim TRIPs, li jagħti terminu minimu ta' 20 sena lill-privattivi, twassal li t-talbiet ta' MSD għandhom jintlaqgħu.

23. Is-Supremo Tribunal tikkunsidra li, fir-rigward tal-prinċipji li fil-Portugall jirregolaw l-interpretazzjoni ta' ftehim internazzjonali, l-Artikolu 33 tal-Ftehim TRIPs għandu effett dirett u jista' jiġi invokat bejn individwi f'kawża.

24. Madankollu, il-qorti nazzjonali, li kellha dubji dwar l-estrapolazzjoni għall-qasam tal-privattivi tal-ġurisprudenza Komunitarja fuq il-Ftehim TRIPs rigward trade marks, kemm fuq il-mertu kif ukoll fuq il-ġurisprudenza interpretattiva tal-Qorti tal-Ġustizzja, issospendiet il-proċedimenti u ressqet id-domandi preliminari li ġejjin quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja skond l-Artikolu 234 KE:

"1) Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex tinterpreta l-Artikolu 33 tal-Ftehim TRIPs?

2) Fil-każ ta' risposta pożittiva għall-ewwel domanda, il-qrati nazzjonali għandhom japplikaw dan l-Artikolu *ex officio* jew fuq talba tal-partijiet f'kawżi pendenti quddiemhom?"

IV — Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

25. Id-digriet tar-rinviju ġie ppreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-5 ta' Diċembru 2005.

26. L-osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati fit-terminu imsemmi fl-Artikolu 23 ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, minn Merck u MSD flimkien, minn Merck Genéricos, mill-Gvern Portugiż, mill-Gvern Franċiż u mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej.

27. Matul is-seduta, li seħħet fit-28 ta' Novembru 2006, ir-rappreżentanti tal-partijiet fil-kawża prinċipali, u r-rappreżentanti tal-Gvern Franċiż, tar-Renju Unit u tal-Kummissjoni, ippreżentaw id-dikjarazzjonijiet orali tagħhom.

V — Analiżi tad-domandi preliminari

A — *Approċċ*

28. Permezz ta' l-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk il-Qorti tal-Ġustizzja għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tinterpreta l-Ftehim TRIPs, u b'mod partikolari, l-Artikolu 33 tiegħu.

29. Skond ġurisprudenza stabbilita [5], Merck u MSD jallegaw li din id-domanda mhijiex oġġettivament meħtieġa sabiex tiġi deċiża l-kawża prinċipali, iżda lanqas ma jidhru li jqiegħdu f'dubju l-ammissibbiltà tagħha, peress li jipproponu biss li ma tiġix ikkunsidrata.

30. Huwa possibbli li dan l-approċċ jintlaqa', iżda b'mod parzjali biss, għaliex mhuwiex essenzjali li titwieġeb id-domanda bħala tali, mhux għar-raġunijiet li ressqu dawn il-kumpanniji, iżda minħabba li hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tikkunsidra *ex officio* jekk għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi f'kawżi dwar ftehim imħallta.

31. Barra minn hekk, kif ser jintwera' iktar 'il quddiem, meta tiġi eżaminata l-ġurisprudenza Komunitarja, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li m'għandhiex ġurisdizzjoni, huwa t-Tribunal Suprem Portugiż li jieħu konjizzjoni tal-kawża.

32. Għaldaqstant, l-ewwel domanda magħmula mhijiex analizzata għall-finijiet li tiġi ssodisfata l-kurżità tal-qorti tar-rinviju iżda bħala talba mressqa lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex teżamina *ex officio* l-ġurisdizzjoni tagħha stess.

5 — Sentenzi tas-17 ta' Mejju 1994, Corsica Ferries (C-18/93, Ġabra. p. I-1783, punt 14), tal-5 ta' Ottubru 1995, Centro Servizi Spediporto (C-96/94, Ġabra. p. I-2883, punt 45), tat-18 ta' Ġunju 1998, Corsica Ferries France (C-266/96, Ġabra. p. I-3949, punt 27) u tad-9 ta' Ottubru 1997, Grado et Bashir (C-291/96, Ġabra. p. I-5531, punt 2).

B — *Fuq il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tinterpreta l-Ftehim TRIPs*

33. Il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddeċiedi dwar ftehim imħallta, jiġifieri dawk li jikkonċernaw setgħat komuni bejn il-Komunità u l-Istati Membri, diġà ġiet analizzata, u f'dan ir-rigward hemm ġurisprudenza abbundanti. Madankollu, l-iżviluppi sussegwenti, li ma kinux nieqsa minn diffikultajiet, fasslu linja twila u mimlija tidwir, li għandha bżonn tiġi aġġustata minħabba r-rotta komplessa tagħha sabiex tiċċara l-linja għal dawk li jagħmlu użu minnha.

1. Ir-risposta skond il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja

a) Oriġini

34. Il-vjaġġ jibda permezz tas-sentenza Haegemann [6], li kienet ikkonfermata mis-sentenza Demirel [7]; sa minn dawn is-sentenzi, ftehim imħallta jikkostitwixxu parti mill-ġurisprudenza interpretattiva tal-Qorti tal-Ġustizzja, ikkunsidrati bħala atti ta' l-istituzzjonijiet Komunitarji [8]; ftehim imħallta huma wkoll inklużi, permezz ta' paralleliżmu massetgħat tal-Komunità, bħala riflessjoni talprinċipju fundamentali tad-dritt Komunitarju, dak tal-ġurisdizzjoni ta' attribuzzjoni, stabbilit fl-Artikolu 5 KE u li hemm referenza għalih fl-Artikolu 220 KE [9].

35. Fis-sentenza Demirel [10], il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li dawn il-ftehim għandhom l-istess status fis-sistema legali Komunitarja bħal ftehim purament Komunitarji, peress li dawn huma dispożizzjonijiet li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Komunità [11]. Ċertament, is-sentenza rreferiet għal Ftehim ta' Assoċjazzjoni mat-Turkija [12], li ġie deċiż li jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat KE; madankollu, dan ma jinvalidax in-natura ġenerali ta' l-affermazzjoni preċedenti [13].

36. Fir-rigward tal-mertu tal-kawża, għandu jiġi sostnut li l-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tinterpreta l-Ftehim TRIPs f'diversi okkażjonijiet. Madankollu m'għandhiex ma tiġix

6 — Sentenza tat-30 ta' April 1974 (181/73, Ġabra. p. 449).

7 — Sentenza tat-30 ta' Settembru 1987 (12/86, Ġabra. p. 3719, punt 7).

8 — Sentenza Haegeman, iċċitata iktar 'il fuq, punti 4 sa 6.

9 — Wegener, B., "Artikel 220", f'Callies, Ch u Ruffert, M., *Kommentar zu EU-Vertrag und EG-Vertrag*, Ed. Luchterhand, 2nd Ed. rivedut u estiż, Neuwied/Krifter, 2002, p. 1991, punt 17.

10 — Punt 9.

11 — Din il-ġurisprudenza kienet ikkonfermata, b'mod partikolari, permezz tas-sentenza tad-19 ta' Marzu 2002, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (C-13/00, Ġabra. p. I-2943, punt 14).

12 — Il-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija, iffirmat f'Ankara fit-12 ta' Settembru 1963 (ĠU 1964, 217, p. 3687) approvat f'isem il-Komunità permezz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 1963 (ĠU 1964, 217, p. 3685).

13 — Ġurisprudenza tas-sentenza tas-26 ta' Ottubru 1982, Kupferberg (C-104/81, Ġabra. p. 3641, punt 13).

ikkunsidrata l-Opinjoni 1/94 [14], li nħarġet fuq talba tal-Kummissjoni bl-għan li tikkjarifika l-portata tas-setgħat tal-Komunità Ewropea sabiex tikkonkludi kull parti tal-Ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (iktar 'il quddiem il-"WTO"), anke jekk ma tikkonċernax il-Qorti tal-Ġustizzja.

37. Hekk, meta eżaminat jekk is-setgħat kinux esklużivi jew komuni, il-Qorti tal-Ġustizzja bbażat fuq is-sentenza AETR [15] sabiex tikkunsidra l-atti ta' dritt sekondarju ta' l-istituzzjonijiet Komunitarji li jistgħu jiġu milquta mill-parteċipazzjoni ta' l-Istati Membri fil-Ftehim TRIPs. Il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li l-armonizzazzjoni tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali koperti mill-Anness C tal-Ftehim WTO kienet għada mhux kompluta, u li ebda leġiżlazzjoni Komunitarja dwar privattivi, li hija l-leġiżlazzjoni ta' interess fil-kawża preżenti, ma kienet ġiet adottata [16].

38. Għaldaqstant, il-ġurisprudenza tqiegħdet fuq linja li pproponiet l-eżistenza ta' leġiżlazzjoni Komunitarja bħala fattur determinanti sabiex tiġi stabbilita l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward ta' l-interpretazzjoni tal-ftehim imħallta.

14 — Opinjoni maħruġa skond l-Artikolu 228(6) tat-Trattat KE (li wara l-modifika sar l-Artikolu 300(6) KE), Ġabra. p. I-5267.

15 — Sentenza tal-31 ta' Marzu 1971, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, (22/70, Ġabra. p. 263).

16 — Punt 103 ta' l-Opinjoni 1/94, li jinteressa l-kawża prinċipali.

b) Deċizjonijiet dwar il-Ftehim TRIPs

39. Sussegwentement, is-sentenza Hermès [17] ikkonfermat dan l-approċċ: abbażi ta' l-Artikolu 99 tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja, [18] li daħal fis-seħħ xahar qabel l-Att Finali u l-Ftehim WTO ġew iffirmati [19], hija ddeduċiet il-ġurisdizzjoni tal-Komunità, permezz tal-karatteristika unitarja tal-proprjetà industrijali, li kien hemm protezzjoni ġuridika skond l-Artikolu 50 tal-Ftehim TRIPs, u ddikjarat li l-Qorti tal-Ġustizzja kellha ġurisdizzjoni sabiex tinterpreta din id-dispożizzjoni [20].

40. Din is-sentenza ġiet ikkritikata abbażi tal-fatt li l-kwistjoni li wasslet għad-domanda preliminari fis-sentenza Hermès trrigwarda trade mark mill-Benelux, u mhux trade mark Komunitarja, u li, fi kwalunkwe każ, l-Artikolu 99 tar-Regolament Nru 40/94 jirreferi għad-dritt nazzjonali [21], iżda l-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat din id-deċiżjoni fis-sentenza Dior et [22], li fil-punt 39 tagħha hija

17 — Sentenza tas-16 ta' Ġunju 1998 (C-53/96, Ġabra. p. I-3603).

18 — Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94, ta' l-20 ta' Diċembru 1993, (ĠU 1994, L 11, p.1).

19 — Sentenza Hermès, iċċitata iktar 'il fuq, punt 25.

20 — Sentenza Hermès, punti 26 sa 29.

21 — Ara f'dan is-sens l-Avukat Ġenerali Jacobs fil-konklużjonijiet tal-kawża li tat lok għas-sentenza tat-13 ta' Settembru 2001, Schieving-Nijstad *et* (C-89/99, Ġabra. p. I-5851, punt 40). Ara wkoll Heliskoski, J., "The Jurisdiction of the European Court of Justice to give preliminary rulings on the interpretation of mixed agreements", fin-*Nordic Journal* of *International Law*, Vol. 69, Nru 4/2000, p. 402 *et seq*, u Cebada Romero, A., *La Organización Mundial del Comercio y la Unión Europea*, Ed. La Ley, Madrid, 2002, p. 358.

22 — Sentenza ta' l-14 ta' Diċembru 2000 (C-300/98 u C-392/99, Ġabra. p. I-11307).

estendiet il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tinterpreta l-Artikolu 50 tal-Ftehim TRIPs biex ikopri mhux biss trade marks iżda d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali oħra kollha.

41. Essenzjalment, l-argument tagħha kien li peress li l-Artikolu 50 tal-Ftehim TRIPs jikkostitwixxi dispożizzjoni proċedurali li għandha tiġi applikata bl-istess mod f'kull sitwazzjoni li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu u li tista' tapplika kemm għal sitwazzjonijiet koperti mid-dritt nazzjonali kif ukoll għal dawk koperti mid-dritt Komunitarju, l-obbligu ta' kooperazzjoni (stabbilit fl-Artikolu 10 KE) jirrikjedi, għal raġunijiet prattiċi u legali, li l-organi ġuridiċi ta' l-Istati Membri u tal-Komunità jagħtu interpretazzjoni uniformi [23].

42. Dan stabbilixxa l-bżonn għal *interpretazzjoni uniformi* li toħroġ mill-obbligu ta' kooperazzjoni leali, li hija waħda mir-rakkommandazzjonjiet prinċipali magħmula mill-Avukat Ġenerali Tesauro fil-konklużjonijiet tiegħu f'Hermès, li ma kinitx ġiet segwita fis-sentenza, sabiex tiġi stabbilita l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward ta' ftehim imħallta bħal ma huwa l-Ftehim TRIPs [24], liema fehma ser nikkunsidra fid-dettal iktar 'il quddiem.

43. Madankollu, minflok ma kkwalifikat dan il-bżonn fil-kategorija ta' "ħtieġa fundamentali", kif kien issuġġerixxa l-Avukat Ġenerali Tesauro, li kienet ittiha awtorità bħala l-unika garanzija ta' interpretazzjoni korretta ta' ftehim imħallta konklużi mill-Komunità, il-Qorti tal-Ġustizzja llimitat ruħha, billi ddeduċiet minn dan l-argument, li kellha ġurisdizzjoni sabiex teżamina l-Artikolu 50 tal-Ftehim TRIPs, kif kienet diġà għamlet fis-sentenza Hermès, mingħajr madankollu m'għamlet referenza għal din il-premessa. Hekk, għandu jiġi diskuss il-portata tar-referenza għall-Artikolu 10 KE fis-sentenza Dior, safejn il-Qorti tal-Ġustizzja żammet l-istess raġunament bħas-sentenza Hermès [25], filwaqt li bbażat is-setgħa ta' interpretazzjoni tal-ftehim internazzjoni mħallta skond jekk teżistix jew le leġiżlazzjoni Ewropea applikabbli.

c) Modulazzjoni

44. Il-ġurisprudenza segwiet dan ir-raġunament fis-sentenza Il-Kummissjoni vs L-Irlanda [26], sentenza li rrigwardat l-adeżjoni mal-Konvenzjoni ta' Berna [27] dwar il-proprjetà intellettwali, li turi, fil-kuntest ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, l-użu ta' metodoloġija uniformi sabiex jiġu ddefiniti s-setgħat Komunitarji; is-sentenza Laguna de Berre [28] u s-sentenza iktar reċenti Fábrica de

23 — Sentenza Dior *et*, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 22, punt 37.

24 — Konklużjonijiet ippreżentati fit-13 ta' Novembru 1997 (Ġabra 1998, p. I-3606).

25 — Eeckhout, P., *External relations of the European Union — Legal and constitutional foundations*, Oxford University Press, 2004, p. 242.

26 — Sentenza tad-19 ta' Marzu 2002 (C-13/00, Ġabra p. I-2943, b'mod partikolari fil-punti 15 sa 20).

27 — Konvenzjoni għall-Protezzjoni ta' Xogħlijiet Litterali u Artistiċi, Att ta' Pariġi ta' l-24 ta' Lulju 1971.

28 — Sentenza tas-7 ta' Ottubru 2004, Il-Kummissjoni vs Franza (C-239/03, Ġabra p. I-9325).

MOX [29] ukoll isegwu lil Hermès, billi jistabbilixxu s-setgħat tal-Qorti tal-Ġustizzja abbażi ta' l-eżistenza ta' atti leġiżlattivi Komunitarji.

45. Madankollu, is-sentenza Laguna de Berre żiedet differenza żgħira billi sostniet li ċ-ċirkustanza li qasam speċifiku li huwa fil-biċċa l-kbira kopert mil-leġiżlazzjoni Komunitarja għadu ma kienx suġġett għal-leġiżlazzjoni Komunitarja, ma jipprekludix li l-kawża taqa' wkoll taħt il-ġurisdizzjoni Komunitarja [30]. Is-sentenza Fábrica de MOX tirreferi espressament għas-sentenza preċedenti [31] u b'hekk issostni għal darb'oħra r-riżerva importanti li ġiet introdotta fis-silloġiżmu li minnu tista' tiġi inferita s-setgħa ta' interpretazzjoni li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja.

46. Għaldaqstant, jekk il-ġurisprudenza attwali tintuża sabiex tevalwa jekk il-Qorti tal-Ġustizzja għandhiex ġurisdizzjoni sabiex teżamina ftehim imħallta, u b'mod partikolari, il-Ftehim TRIPs fir-rigward ta' privattivi, huwa neċessarju li tiġi eżaminata kull leġiżlazzjoni Komunitarja f'dak il-qasam ta' proprjetà industrijali, mingħajr ma tintesa' "klawżola ta' modulazzjoni" stabbilita mis-sentenza Laguna de Berre.

d) L-applikabilità għall-kawża preżenti

47. Hekk il-lista tal-miżuri Komunitarji, ipprovduta mill-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet tagħha hija relevanti; din tinkludi: ir-Regolament (KEE) Nru 1768/92, dwar il-ħolqien ta' ċertifikat ta' protezzjoni supplementari għal prodotti mediċinali [32]; ir-Regolament (KE) Nru 2100/94 dwar drittijiet ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità [33]; ir-Regolament (KE) Nru 1610/96 dwar il-ħolqien ta' kull ċertifikat supplimentari ta' ħarsien għall-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti [34]; id-Direttiva 98/44/KE dwar il-protezzjoni legali ta' l-invenzjonijiet bijoteknoloġiċi [35]; il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-liċenzjar obbligatorju ta' privattivi relatati mal-manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi għall-esportazzjoni lejn pajjiżi li għandhom problemi ta' saħħa pubblika [36]; il-Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-privattiva Komunitarja [37]; kif ukoll il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tagħti ġurisdizzjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddeċiedi fuq kwistjonijiet relatati mal-privattiva Komunitarja [38]; u l-Proposta għal Regolament tal-Kunsill li tistabbilixxi

29 — Sentenza tat-30 ta' Mejju 2006, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (C-459/03, Ġabra p. I-4635).

30 — Sentenza Étang de Berre, iċċitata iktar 'il fuq, punti 29 u 30. Din il-kawża kkonċernat ir-rimi ta' ilma ħelu u ħama fl-ambjent marittimu, li ma kinux is-suġġett ta' dispożizzjonijiet Komunitarji anki jekk kienu koperti minn bosta leġiżlazzjoni ambjentali armonizzata.

31 — Punt 95 tas-sentenza.

32 — Regolament tal-Kunsill, tat-18 ta' Ġunju 1992 (ĠU L 182, p. 1).

33 — Regolament tal-Kunsill, tas-27 ta' Lulju 1994 (ĠU L 227, p. 1).

34 — Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' Lulju 1996 (ĠU L 198, p. 30).

35 — Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Lulju 1998 (ĠU L 213, p. 13).

36 — COM (2004) 737 finali u SEC (2004) 1348.

37 — COM (2000) 412 finali (ĠU C 337 E, p. 278).

38 — COM (2004) 827 finali.

Qorti tal-Privattiva Komunitarja u li tikkonċerna appelli quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza [39].

48. Għad-differenza tat-trade marks, qasam li fih kemm id-Direttiva 89/104/KEE [40] kif ukoll ir-Regolament Nru 40/94 ġew adottati abbażi tat-trade mark Komunitarja, il-leġiżlazzjoni Ewropea dwar il-privattivi ma toffrix risposta ċara dwar il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex teżamina l-Ftehim TRIPs. Fost il-lista ta' atti elenkati fil-punt preċedenti, uħud minnhom, bħal varjetajiet ta' pjanti, lanqas biss jixbħu lill-privattivi, kif taċċetta l-Kummissjoni stess. Oħrajn, minnaħa l-oħra, wasslu biss sa l-istadju preparatorju u ma ġewx adottati.

49. Effettivament, hemm bżonn ta' armonizzazzjoni tal-liġijiet, u l-ħolqien ta' privattiva Komunitarja ltaqgħet ma reżistenza insuperabbli fil-Kunsill. F'dan l-istadju, ir-regola stabbilita f'Hermès, immodulata mis-sentenza Laguna de Berre, li teħtieġ leġiżlazzjoni attwali, hija mdagħjfa, għalkemm dubji jqumu fir-rigward tal-parametri sabiex jiġi stabbilit l-ammont ta' leġiżlazzjoni meħtieġa sabiex tiġi stabbilita l-ġurisdizzjoni tal-Komunità u għaldaqstant, tal-Qorti tal-Ġustizzja.

50. F'din il-proċedura għal domandi preliminari mhemmx kwistjoni dwar l-eżerċizzju tas-setgħat mogħtija lill-Komunità, kemm dawk attribwiti lilha permezz ta' l-Artikolu 95 KE, kif ukoll fir-rigward ta' bosta tipi ta' drittijiet għal proprjetà intanġibbli b'konnessjoni mas-suq intern, jew dawk li jaqgħu taħtha skond l-Artikolu 308 KE, per eżempju, sabiex tinkiseb privattiva Komunitarja, proġett li ma seħħx. F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li, għall-Komunità, l-użu tal-poteri tagħha huwa komplikat u kumpless.

51. B'hekk, il-Konvenzjoni dwar l-Għoti ta' Privattivi Ewropej ta' l-1973 (iktar 'il quddiem il-"Il-Konvenzjoni ta' Munich"), li gradwalment saru kontraenti tagħha l-Istati Membri, kkonċepixxiet strument panEwropew li jeżisti mad-dritt nazzjonali. Il-Proposta għal Regolament dwar il-privattiva Komunitarja fittxet il-ħolqien ta' simbjożi bejn il-Komunità u sistemi inter-Statali, impenn li jfisser li r-Regolament dwar il-privattiva Komunitarja irid jiġi adottat, li l-Konvenzjoni ta' Munich u l-istatus ta' l-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi trid tittieħed in kunsiderazzjoni, li l-Komunità ser ikollha taderixxi mal-Konvenzjoni ta' Munich, u li l-iskop għall-ħarsien ta' konsistenza fl-iżvilupp futur tar-Regolament u tal-Konvenzjoni għandu jittieħed in kunsiderazzjoni. Barra minn hekk, il-Konvenzjoni ta' Munich ma tawtorizzax lill-Uffiċju sabiex iwettaq dawn il-funzjonijiet, u għalhekk hemm bżonn li tiġi rriveduta [41].

39 — COM (2004) 828 finali.

40 — L-Ewwel Direttiva tal-Kunsill tal-21 ta' Diċembru 1998 biex jiġu approssimati l-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar it-trade marks (ĠU 1989, L 40, p. 1).

41 — Punt 2.3 tal-Proposta għal Regolament dwar il-privattiva Komunitarja.

52. Huwa diffiċli li jiġi ddeterminat, f'dan il-kuntest, jekk ikunx inġust li l-Komunità tiġi akkużata li ma wettqitx il-pjanijiet tagħha, b'mod partikolari, fi proċedura li hija suġġetta għar-regola ta' l-unanimità [42]. Forsi l-awtur li kiteb fir-rigward ta' ftehim imħallat, li meta l-ġurisdizzjoni ssir kriterju sabiex tiġi stabbilita l-ġurisdizzjoni, din tinbidel f'ostaġġ tal-kumplessità tagħha, kien qed jgħid sew [43]. Biż-żieda gradwali tas-setgħat komuni fl-oqsma numerużi u varji li huma 'komunitarizzati', huwa maħsub li l-Qorti tal-Ġustizzja ser tirċievi kwantità kbira ta' domandi, li jirrikjeduha sabiex tiddeċiedi dwar il-ġurisdizzjoni tagħha stess f'dan il-qasam, u mhux ser tkun dejjem tista' tevita li teżamina l-leġiżlazzjoni rilevanti Komunitarja.

2. Proposta alternattiva

54. Fid-dawl tad-diffikultajiet bil-ġurisprudenza msemmija iktar 'il fuq, li daħlet fiha l-Qorti tal-Ġustizzja stess, nippreferi li nid-defendi l-argument li jippermetti li tingħeleb il-pożizzjoni stabbilita sew u li nidħol f'ħidma ta' organiżżazzjoni mill-ġdid fl-interessi tal-Komunità, filwaqt li nsostni li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni mingħajr limitu sabiex teżamina l-Ftehim TRIPs għar-raġunijiet segwenti.

53. Fil-qosor, jekk il-ġurisprudenza hija applikata b'mod litterali, jista' jingħad li l-Qorti tal-Ġustizzja m'għandhiex ġurisdizzjoni fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet Komunitarji, madankollu jista' jiġi kkunsidrat ukoll, kif issuġġeriet il-Kummissjoni, li hija għandha ġurisdizzjoni, bil-kundizzjoni li l-proprjetà intellettwali tiġi kkunsidrata bħala settur uniku, kompost minn trade marks, disinni u drittijiet oħra msemmija fil-Ftehim TRIPs, fejn hemm nuqqas ta' dritt Komunitarju, dwar, per eżempju, it-terminu tal-protezzjoni mogħtija taħt privattivi ta' invenzjoni, li, skond is-sentenza Laguna de Berre, ma jipprekludix il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

55. L-ewwel nett, għandha tingħata attenzjoni aktar milli kien il-każ hawnhekk, għall-fatt li l-ftehim WTO jidħlu fil-kuntest tad-dritt internazzjoni, li fih il-konvenzjonijiet huma rratifikati bl-intenzjoni li jiġu rrispettati in *bona fede*. Għandu jingħad ukoll li l-GATT ġie mmodifikat, u li n-natura oriġinali 'kuntrattwali' tiegħu ddgħajfet u prattikament inbidel f'kuntest 'kostituzzjonali' għassuq globali minħabba l-allinjament tiegħu fuq l-istandard tat-trattati internazzjonali mal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati tat-23 ta' Mejju 1969 [44]. Huwa għalhekk f'waqtu li jintużaw is-sentenzi Haegemann u Demirel bħala punt ta' tluq

42 — L-abbozz għal Regolament dwar il-privattiva Komunitarja ġie ppreżentat fuq il-bażi ta' l-Artikolu 308 KE, li jeħtieġ l-unanimità fil-Kunsill. Matul is-seduta, il-Kummissjoni, mistoqsija dwar ir-raġuni għall-falliment tal-proġett fil-Kunsill, irreferiet għas-sistema lingwistika bħala l-ostakolu prinċipali għall-approvazzjoni tiegħu.

43 — Eeckhout, P., *op. cit.*, p. 237.

44 — Fis-seħħ sa mis-27 ta' Jannar 1980 [UN Doc A/CONF.39/27 (1969), 1155 UNTS 331]. Pescatore, P. "Opinion 1/94 on 'conclusion' of the WTO Agreement: is there an escape from a programmed disaster?", fil-*Common Market Law Review*, Vol. 36, 1999, p. 400.

fir-rigward ta' ftehim imħallta, sabiex jiġu kkunsidrati bħala parti mis-sistema legali Komunitarja.

56. It-tieni nett, il-ftehim konkluži mill-Komunità u l-Istati Membri flimkien juru l-għan komuni tagħhom u jorbtuhom fir-rigward ta' pajjiżi terzi li huma partijiet kontraenti f'dawn il-ftehim; l-obbligu ta' kooperazzjoni stabbilit fl-Artikolu 10 KE jirrikjedi lill-Istati Membri sabiex jikkoperaw mhux biss fil-proċess ta' negozjar jew konklużjoni ta' dawn il-Ftehim, iżda anke fl-implementanzzjoni tagħhom [45]; dan għandu jinqara flimkien ma' l-obbligu li tintlaħaq l-effettività tad-dritt Komunitarju mhux biss fil-qasam leġiżlattiv iżda anke f'dak eżekuttiv u ġuridiku [46].

57. It-tielet nett, l-aħjar metodu kif jiġu rrispettati obbligi internazzjonali ma' pajjiżi terzi u kif tintlaħaq l-armonija neċessarja fl-interpretazzjoni ta' ftehim imħallta huwa li jiġi assigurat li dawn huma interpretati uniformament, ħsieb li huwa msaħħaħ mill-fatt li d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim jistgħu jkunu interkonnessi, kif issuġġerixxa l-Avukat Ġenerali Tesauro [47]; f'dan ir-rigward, l-unika awtorità kapaċi li twettaq din il-ħidma hija l-Qorti tal-Ġustizzja, dejjem bl-għajnuna indispensabbli tal-qrati nazzjonali permezz tal-mekkaniżmu tar-rinviju preliminari skond l-Artikolu 234 KE. Barra minn hekk, l-għarfien ta' bżonn għal uniformità tad-dritt Komunitarju kien evidenti fl-Opinjoni 1/91, dwar l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, li saħħet l-argument li, sabiex tiġi żgurata interpretazzjoni uniformi tad-dritt Komunitarju, is-setgħa ta' interpretazzjoni tat-testi Komunitarji, li tikkostitwixxi garanzija tal-koerenza tagħha, m'għandhiex tiġi mxerrda [48].

58. Ir-raba' nett, il-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja tista' tikkunsidra li għandha ġurisdizzjoni sabiex teżamina ftehim imħallta, b'mod partikolari, il-Ftehim TRIPs, ma jfissirx li hemm trasferiment tas-setgħat leġiżlattivi nazzjonali għall-Komunità, lanqas dawk is-setgħat li jerġgħu lura għall-Istati Membri minħabba li l-istituzzjonijiet Komunitarji jonqsu milli jerżerċitahom. Min-naħa l-oħra, jekk ikun hemm interpretazzjoni uniformi, li torbot lil kulħadd, anke f'dawk l-oqsma fejn għad mhemmx leġiżlazzjoni Komunitarja, l-Istati Membri jistgħu aktar faċilment jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' l-Aritkolu 10 KE, fl-eżerċizzju ta' dawn is-setgħat.

59. Il-ħames u l-aħħar nett, is-sitwazzjoni kkawżata mill-ġurisprudenza preżenti dwar ftehim imħallta hija sorprendenti, minħabba li jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tiġi mċaħħda s-setgħat li teżamina ftehim ta' dan it-tip li ġie rratifikat mill-Komunità filwaqt li ebda leġiżlazzjoin ma tkun ġiet adottata fuq ċerti materji hija wkoll illoġika daqs kemm hija l-

45 — Opinjoni 1/94, iċċitata iktar 'il fuq, punt 108.

46 — Kahl, W., "Artikel 10', f'Callies, Ch., u Ruffert, M., *op. cit.*, p. 451 *et seq.*

47 — Punti 20 u 21 tal-konklużjonijiet li huwa ppreżenta fil-kawża Hermès, iċċitata iktar 'il fuq.

48 — Opinjoni mogħtija fl-14 ta' Diċembru 1991 skond it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 228(1) tat-Trattat KEE (Opinjoni 1/91, Ġabra l-6079, punti 43 sa 45).

projbizzjoni li ssir lil organu ġuridiku nazzjonali li jinterpreta liġi qafas sakemm l-awtoritajiet li lilhom ġie ddelegat il-funżjoni leġiżlattiva jkunu eżerċitawha.

60. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tkun konxja bin-nuqqasijiet fil-ġurisprudenza tagħha u għandha tipprova ssolvi n-nuqqas ta' qbil li jeżisti rigward il-ġurisdizzjoni tagħha sabiex teżamina ftehim imħallta, billi jkollha l-kuraġġ li tbiddel il-linja tagħha u tassumi r-responsabbiltà tagħha, kemm biex tbiddel il-linja tad-duttrina tagħha kif ukoll biex tadattaha għall-prinċipji fundamentali tad-dritt internazzjonali, u tagħtiha ċertezza legali li hija mitluba mill-istituzzjonijiet fuq livell intrakomunitarju. Is-sentenza Dior diġà ħadet passi f'din id-direzzjoni billi għamlet referenza għall-Artikou 10 KE fil-motivazzjoni tagħha, iżda għamlet l-iżball li ma tagħthiex il-portata li qed jipproponi.

61. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li għandha ġurisdizzjoni sabiex tinterpreta l-Ftehim TRIPs, u, għalhekk, l-Artikolu 33 tiegħu.

C — L-effett dirett ta' l-Artikolu 33 tal-Ftehim TRIPs

62. Jekk fil-partitura tal-problemi legali li huma marbuta mar-relazzjonijiet esterni tal-Komunità, l-interpretazzjoni tal-ftehim imħallta saret ir-riturnell, l-effet dirett huwa l-parti vokali li hija inseparabbilment marbuta magħha, b'tali mod li waħda teżisti biss minħabba l-oħra. Dan ix-xebh mhuwiex gratuwitu, għaliex kif jidher iktar 'il quddiem, l-argumenti fil-ġurisprudenza Komunitarja jiżvelaw koeżistenza sostanzjali ta' metodoloġiji.

63. Il-formulazzjoni tad-domanda magħmula mis-Supremo Tribunal de Justiça hija ambigwa u tidher li tagħmel referenza kemm għall-effett dirett u għall-possibbiltà li jiġu invokati d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim WTO mill-partijiet fil-kawżi quddiem il-qrati nazzjonali iżda l-qari tad-digriet għal rinviju u l-osservazzjonijiet ippreżentati fil-proċedura preżenti jenfasizzaw l-applikabbiltà diretta immedjata ta' l-Artikolu 33 tal-Ftehim TRIPs.

64. Għalhekk għandi nibda billi nieħu l-approċċ meħud mid-duttrina tal-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex naċċerta risposta xierqa, u nadattaha fid-dawl ta' ċerti riflessjonijiet.

1. Ir-risposta skond il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja

a) Minn Hermès sa Van Parys

65. Fis-sentenza Demirel, il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li dispożizzjoni ta' ftehim konkluż mill-Komunità ma' pajjiżi terzi kienet direttament applikabbli meta, fid-dawl tal-kliem tagħha kif ukoll ta' l-għan u tan-natura tal-ftehim, hija tinkludi obbligu ċar u preċiż li mhuwiex suġġett, fl-eżekuzzjoni jew fl-effetti tiegħu, għall-intervent ta' att ulterjuri [49].

66. Għalkemm is-sentenza Hermès ma tagħmilx referenza għal dan l-aspett, l-Avukat Ġenerali Tesauro jidher li jaċċetta li l-ftehim WTO għandhom effett dirett, abbażi tal-fatt li d-dubji tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-GATT ġew meġħluba mill-ftehim sussegwenti [50]. Madankollu, huwa jsostni li l-Ftehim TRIPs jista' jiġi invokat minn individwi "fejn il-liġi rilevanti tippermetti dan", li tfakkar il-kwotazzjoni mis-sentenza Demirel, riprodotta fil-punt preċedenti, peress li 'dak li huwa importanti [...] huwa li jiġi deċiż jekk id-dispożizzjoni in kwistjoni tistax tiġi applikata u dan huwa l-każ fejn ma tirrikjedix *att ulterjuri sabiex tkun tista' tipproduċi l-effetti tagħha*" [51].

67. Il-Qorti tal-Ġustizzja wriet il-fehma tagħha fis-sentenza Il-Portugall vs Il-Kunsill [52], li l-fatti tagħha mhumiex konnessi mal-Ftehim TRIPs, minħabba li r-rikorrenti kkontestaw il-validità taż-żewġ trattati, wieħed ma' l-Indja u l-ieħor mal-Pakistan, dwar l-aċċess għas-suq tat-tessuti filwaqt li allegaw li d-deċiżjoni kkontestata dwar l-iffirmar ta' dawn it-trattati [53] kienet illegali minħabba li kkostitwixxa ksur ta' ċerti regoli u prinċipji fundamentali tal-WTO.

68. Is-sentenza tat lok għal duttrina abbundanti minn awturi akkademiċi, il-biċċa l-kbira kritika sew [54]; sabiex ma ntawwalx dawn il-konklużjonijiet, ħa nirreferi għaliha fil-qosor. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja, għalkemm irrikonoxxiet li l-ftehim WTO huma b'mod sinjifikattiv differenti mid-dispożizzjonijiet tal-GATT 1947, b'mod partikolari minħabba l-infurzar tas-sistema ta' protezzjoni u l-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim [55], enfasizzat l-irwol ta' negozju li

49 — Sentenza ċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 14.

50 — Konklużjonijiet ippreżentati fil-kawża li tat lok għas-sentenza Hermès, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17, it-tieni subparagrafu tal-punt 30.

51 — *Ibid*, punt 37, enfażi tiegħi.

52 — Sentenza tat-23 ta' Novembru 1999 (C-149/06, Ġabra. p. I-8395, punti 42 sa 47).

53 — Deċiżjoni tal-Kunsill 96/386/KE tas-26 ta' Frar 1996, dwar il-konklużjoni ta' Memoranda ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Pakistan u bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Indja dwar arranġamenti fiż-żona għal dħul fis-suq ta' prodotti tat-tessuti (ĠU L 153, p. 47).

54 — Sinteżi tajba ħafna f'Cebada Romero, A., *op. cit.*, paragrafu 467 *et seq.*

55 — Memorandum ta' Ftehim dwar Regoli u Proċeduri li jirregolaw konklużjonijiet ta' tilwim (Anness 2 tal-Ftehim WTO).

għandhom l-Istati, u ddeduċiet li jekk l-effett dirett ta' dak it-trattat ikun rikonoxxut, ikun hemm il-konsegwenza li l-organi leġiżlattivi jew eżekuttivi tal-partijiet kontraenti jiġu miċħuda mill-possibbiltà offruta mill-Artikolu 22 tal-Memorandum ta' Ftehim li jsibu, anke jekk fuq bażi temporanja, soluzzjoni negozjati [56].

69. Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet tgħid li l-iskop tal-Ftehim WTO ma jiddeterminax il-mezzi legali xierqa sabiex jiġi assigurat li dawn huma applikati in *bona fede* fis-sistemi legali tal-partijiet kontraenti [57], li minnhom iddeduċiet li l-legalita' tal-miżuri adottati mill-istituzzjonijiet Ewropej ma jistgħux jiġu rriveduti fid-dawl tar-regoli ta' dawn il-ftehim [58].

70. Madankollu, hija rreferiet għal żewġ sitwazzjonijiet li fihom ġie rikonoxxut l-effett dirett tar-regoli GATT, jiġifieri, meta l-Komunità tipproponi li tirrispetta obbligu li tkun ħadet fil-kuntest ta' WTO (kawża Fediol vs Il-Kummissjoni) [59], jew meta miżura Komunitarja tirreferi espliċitatament għal Ftehim WTO (kawża Nakajima vs Il-Kummissjoni) [60], każijiet li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja stess għandha tevalwa l-legalità tal-miżura Komunitarja in kwistjoni fid-dawl tar-regoli WTO, li jinkludu żewġ eċċezzjonijiet biss għar-regola ġenerali, kif jidher b'mod ċar fis-sentenza Van Parys [61].

71. Fis-sentenza ta' l-aħħar, ir-rifjut ta' effett dirett għar-regoli WTO huwa assolut, għaliex il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li ma kienx possibbli li wieħed jinvoka sottomissjonijiet quddiem qorti ta' Stat Membru li dik il-leġiżlazzjoni Komunitarja kienet inkompatibbli mar-regoli WTO, anke jekk il-Bord tas-Soluzzjoni tat-Tilwim [62] kien iddeċieda li din il-leġiżlazzjoni kienet inkompatibbli ma dawk ir-regoli [63]. Huwa possibbli li l-prinċipju ta' *pacta sund servanda*, li jinsab fl-Artikolu 26 tal-Konvenzjoni ta' Vienna dwar il-Liġi tat-Trattati ġie miksur [64] minħabba nnuqqas ta' osservanza ta' deċiżjonijiet mogħtija minn Bord li l-ġurisdizzjoni tiegħu kienet aċċettata mill-Komunità meta ffirmat il-ftehim WTO; iżda wkoll, is-sentenza Van Parys hija sorprendenti minħabba li l-Qorti tal-Ġustizzja dejjem ippruvat tassigura konformità mas-sentenzi tagħha fuq kull livell nazzjonali, kemm amministrattiv, leġiżlattiv u ġuridiku.

b) Il-konsegwenzi tas-sentenza Dior *et*

72. Għad-differenza tas-sentenza Hermès, is-sentenza Dior ma naqsitx milli twieġeb

56 — Sentenza Il-Portugall vs Il-Kunsill, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 52, punti 36 sa 40.

57 — *Ibid*, punt 41.

58 — *Ibid*, punt 47.

59 — Sentenza tat-22 ta' Ġunju 1989 (70/87, Ġabra p. 1781, punti 19 sa 22).

60 — Sentenza tas-7 ta' Mejju 1991 (C-69/89, Ġabra p. I-2069, punt 31).

61 — Sentenza tal-1 ta' Marzu 2005 (C-377/02, Ġabra p. I-1465, punti 39 u 40).

62 — Stabbilit fl-Artikolu 2(1) tal-Memorandum ta' Ftehim, iċċitat iktar 'il fuq.

63 — Sentenza Van Parys, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 61, punt 54.

64 — Laget-Annamayer, A., "Le Statut des accords OMC dans l'ordre juridique communautaire: en attendant la consécration de l'invocabilité" f'*Revue trimestrielle de droit européen*, 42 (2), April/Ġunju 2006, p. 281 *et seq*.

għad-domandi magħmula mill-qorti Olandiża dwar l-effett dirett tal-Ftehim TRIPs. Madankollu, hija ma weġbitx bil-mod kif ippropona l-Avukat Ġenerali Tesauro f'Hermès, iżda żammet il-pożizzjoni tagħha fuq id-diviżjoni tas-setgħat bejn l-Istati Membri u l-Komunità.

73. Abbażi ta' l-Artikolu 14 tas-sentenza Demirel, u wara li sostniet li l-individwi ma jistgħux jinvokaw ir-regoli WTO quddiem il-qrati nazzjonali (sentenza Il-Portugall vs Il-Kunsill), hija ddistingwiet l-oqsma rregolati mid-dritt Ewropew minn dawk li fihom il-Komunità għadha ma eżerċitatx is-setgħat tagħha [65]. Fl-ewwel każ, hija reġgħet enfasizzat l-obbligu ta' interpretazzjoni tal-Ftehim TRIPs fid-dawl tal-kliem u ta' l-għan tiegħu [66]; fir-rigward ta' l-aħħar każ, hija kkunsidrat li minħabba li ma kinux irregolati mid-dritt Ewropew, dan id-dritt "la jirrikjedi u lanqas jipprojbixxi li s-sistema legali ta' Stat Membru jagħti lill-individwi l-possibiltà li jinvokaw ir-regola stabbilita" skond il-ftehim TRIPs".

74. Fil-qosor, skond din il-ġurisprudenza, il-kwistjoni dwar jekk il-ġurisdizzjoni hija tal-Komunità jew ta' l-Istati Membri hija importanti, sabiex tiġi applikata d-dispożizzjoni speċifika u biex jiġi deċiż min għandu jeżamina jekk din tistax tiġi invokata. Meta din l-idea hija applikata għal każ preżenti, għandu jingħad li, jekk l-Artikolu 33 tal-Ftehim TRIPs jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni Komunitarja, il-Qorti tal-Ġustizzja jkollha ġurisdizzjoni sabiex teżamina dan, u jekk jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni ta' l-Istati Membri, huma l-qrati nazzjonali li għandhom ġurisdizzjoni [67].

75. Kif kien il-każ fl-ewwel domanda, jiena mhux konvint b'din il-prassi tal-Qorti tal-Ġustizzja li teżamina l-kompetenzi rispettivi tal-Komunità u tal-pajjiżi li hija komposta minnhom, minħabba li għandha bżonn tikkunsidra jekk l-Unjoni eżerċitatx il-poteri tagħha b'mod adegwat; in-nuqqas ta' tbassir għall-operaturi istituzzjonali u l-protagoniżmu eċċessiv tal-Qorti tal-Ġustizzja jergħu jidhru, u t-tilwima hija deċiża permezz tad-diviżjoni tas-setgħa. Iżda, fuq kollox, l-unità u l-konsistenza ta' l-interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju, inkluż it-trattati internazzjonali li fihom jipparteċipaw l-Istati Membri mal-Komunità, huma ipperikolati, li jindika bżonn għal metodoloġija differenti.

2. Proposta alternattiva

76. Il-fil ta' l-argument tiegħi huwa iktar sempliċi; jenfasizza l-bżonn li obbligi internazzjonali ta' l-Unjoni jiġu ssodisfati skond

65 — Sentenza Dior *et*, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 22, punti 47 u 48.

66 — Skond is-sentenza Hermès, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17, punt 28.

67 — Ara wkoll is-sentenza Schieving-Nijstad *et*, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 21, punti 51 sa 55.

il-prinċipju tal-*bona fede*, li għandu dejjem jirregola l-kondotta ta' l-Istati Membri, iżda anke ta' l-organizzazzjonijiet li joperaw fis-sistema dinjija, u anke l-interpretazzjoni tal-ftehim li huma konklużi minnhom [68], skond l-Artikoli 26 u 31 tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Ligi tat-Trattati, imsemmija iktar 'il fuq.

77. Ma naħsibx li nkun qiegħed inwettaq żball li ninkludi s-sentenza Demirel f'din il-filosofija, fejn, fil-punt 14, ġie sostnut, li l-applikabbilità diretta ta' ftehim konklużi mill-Komunità kienet ibbażata fuq il-kliem, l-għan u n-natura tal-ftehim innifsu, u minnaħa l-oħra, fuq in-natura ċara u preċiża kif ukoll inkondizzjonali. Huma dawn iż-żewġ kriterji ulterjuri li għandhom jiggwidaw l-eżami ta' l-effett dirett u mhux il-ġurisprudenza li saret referenza għaliha iktar 'il fuq.

78. Madankollu, filwaqt li l-fehmiet esposti fis-sentenza Il-Portugall vs Il-Kunsill, li kienu kkonfermati reċentement mis-sentenza Van Parys jibqgħu jippersistu, jiena ma nara ebda possibbiltà li tiġi abbandunata s-sistema duwalista li l-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li bbażat fuq bażi ġuridiku mhux ċert, ħolqot f'dak li jirrigwarda l-aċċettazzjoni tal-*ius gentium*, u tal-ftehim WTO, sabiex taħrab mid-dmirijiet tagħha [69]. Konsegwentement, dispożizzjoni bħal din ma tista' qatt ikollha effett dirett fl-Unjoni Ewropea, salv fis-sitwazzjonijiet ikkunsidrati fis-sentenzi Fediol vs Il-Kummissjoni u Nakajima vs Il-Kummissjoni, imsemmija iktar 'il fuq.

79. Peress li l-argumenti tal-Qorti tal-Ġustizzja jinsabu fuq sfond politiku aktar milli fuq wieħed legali [70], huwa inutli li l-kwistjoni tiġi eżaminata fid-dettall u li jiġi maħsub li l-kritika dottrinali se tegħleb ir-reżistenza sabiex tiġi aċċettata l-fehma ta' l-Avukat Ġenerali Saggio, li dispożizzjoni fi ftehim, permezz tat-termini ċari, preċiżi u mingħajr kundizzjoni tagħha, tista' bħala prinċipju tikkostitwixxi kriterju ta' legalità għall-atti Komunitarji, u li individwi jistgħu jinvokawha quddiem qrati nazzjonali biss jekk huwa implicitu fil-kuntest ġenerali tal-ftehim li d-dispożizzjonijiet jistgħu jiġu invokati quddiem il-qrati [71].

80. Baqa' biss li nesponi żewġ punti oħra fir-rigward ta' din il-kwistjoni, li tidher solvuta permezz tal-ġurisprudenza stabbilita.

81. L-ewwel nett, jekk ir-raġuni vera għalfejn il-Qorti tal-Ġustizzja tirrifjuta li tirrikonoxxi l-effett dirett tal-ftehim WTO hija li ma tixtieqx tinterferixxi mas-setgħat ta' l-istituz-

68 — Dupuy. P.M., *Droit international public*, Dalloz, raba' edizzjoni, Pariġi, 1998, p. 284.

69 — Pescatore, P., "Free World Trade and the European Union" f'Pérez van Kappel, A., u Heusel, W., (koordinaturi) Free *World Trade and the European Union — The Reconciliation of Interest and the Review of the Understanding on Dispute Settlement in the Framework of the World Trade Organisation*, Academy of European Law, Vol. 28, Tréveris, p. 12.

70 — Laget-Annamayer, A., *op. cit.*, p. 287; ara wkoll Cebada Romero, A., *op. cit.*, p. 490.

71 — Konklużjonijiet ippreżentati fil-kawża li tat lok għas-sentenza Il-Portugall vs Il-Kunsill, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 52, punt 18.

zjonijiet politiċi tal-Komunità sabiex jaġixxu fil-marġini ta' negozjar mogħti lilhom fil-Ftehim tas-Soluzzjoni tat-Tilwim [72], dan japplika biss f'dawk l-oqsma fejn verament hemm possibbiltà ta' kompromess.

82. Għalkemm il-Memorandum tal-Ftehim jinkludi l-Ftehim TRIPs fost il-kwistjonijiet li għalihom dan huwa applikabbli, in-natura tal-leġiżlazzjoni li dan ifittex li jarmonizza, jiġifieri d-drittijiet intellettwali u industrijali, ma jaqbilx mal-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim peress li, bħala regola, dawn id-drittijiet jappartjenu għall-individwi, u mhux għall-Istati [73].

83. Is-sustanza ta' dan l-Anness għall-ftehim WTO hija differenti sew minn dik tal-Ftehim Ġenerali, li fuqu l-Qorti tal-Ġustizzja bbażat l-argumenti tagħha fis-sentenza Il-Portugall vs Il-Kunsill; huwa diffiċli li jiġu stabbiliti — mingħajr sfurzar — standard minimu ta' protezzjoni, bħat-terminu tal-privattivi, fl-istess skala bħal per eżempju, dawk li jeħtieġu tnaqqis jew revoka ta' tariffa doganali sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-prodotti fis-suq. Għandi dubji dwar kemm dawn it-tipi differenti ta' regoli joffru l-istess flessibbiltà sabiex jintlaħaq kompromess.

84. It-tieni nett, l-importanza li l-approċċ tal-Qorti tal-Ġustizzja jagħti lis-sistema ta' WTO sabiex tiddeċiedi kwistjonijiet hija disproporzjonata, għaliex tagħti prijorità lill-għażla jekk tevitax ir-responsabbiltajiet meħuda skond il-Ftehim WTO qabel il-valur vinkolanti tiegħu bħala trattat internazzjonali.

85. Ċertament, dan il-ftehim ma jipprovdix rimedju bħala dak ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu skond l-Artikolu 226 KE, u inqas bħala miżura ġegħieli skond l-Artikolu 228 KE, iżda dan id-difett ma jippermettix l-inverżjoni tat-termini ta' ftehim transnazzjonali, fejn il-metodu sabiex jiġu deċiżi kwistjonijiet jingħata l-istatus ta' sotterfuġju li huwa legali u li jservi ta' alternattiva għal bżonn ta' konformità mad-dritt internazzjonali *in bona fide*. Ma jistax jingħata din is-superjorità, fejn b'hekk ikun hemm distorsjoni ta' dak li suppost li huwa eċċezzjoni. Barra minn hekk, riżultat innegozjat huwa dejjem ta' natura provviżorja [74], u għandu t-tendenza għall-osservanza tal-Ftehim [75], li huwa ta' vantaġġ għal dawk li jenfasizzaw il-partikolarità tal-mekkaniżmu li bih tiġi deċiża kwistjoni.

72 — Eeckhout, P., *op. cit.*, p. 306.

73 — Paragrafu 4 ta' l-espożizzjoni tal-motivi tal-Ftehim TRIPs.

74 — Artikolu 22(1) tal-Memorandum ta' Ftehim.

75 — Dan jirriżulta mill-Artikolu 3(7) tal-Memorandum ta' Ftehim, li jgħid li '[...] Soluzzjoni li hija reċiprokament aċċettabbli għall-partijiet u li hija *konsistenti mal-ftehim koperti* hija b'mod ċar preferibbli. [...]', enfażi miżjud.

86. Minbarra dan, għalkemm l-Artikolu IX tal-Ftehim WTO jagħti awtorità esklużiva lill-Konferenza Ministerjali u lill-Kunsill Ġenerali sabiex jadottaw interpretazzjonijiet tal-Ftehim u tal-Ftehim tal-Kummerċ Multilaterali, id-deċiżjoni li tiġi adottata interpretazzjoni għandha tittieħed minn maġġoranza ta' tliet kwarti tal-Membri. Fid-dawl tan-numru kbir tal-partijiet fil-WTO, huwa diffiċli li tinkiseb din il-maġġoranza, u għalhekk ma naħsibx li l-poter mogħti mill-Artikolu IX ifixxkel in-natura ġuridika tal-proċedura għad-deċiżjoni ta' kwistjonijiet[76] għaliex s'issa dan għadu ma ntużax[77].

87. Il-kunsiderazzjonijiet preċedenti jagħtu l-possibbiltà li jingħeleb l-ewwel ostaklu, rigward is-sostanza u l-kuntest tal-Ftehim li qed jiġi analizzat. Għaldaqstant, jibqa' biss li jiġi interpretat l-Artikolu 33 tal-Ftehim TRIPs sabiex jiġi deċiż jekk dan huwiex direttament applikabbli.

88. Madankollu, peress li nissuspetta li l-proposta esposta fid-dawl tal-ġurisprudenza taħt l-ewwel titlu tal-Parti V-C(1) ta' dawn il-konklużjonijiet mhijiex ser tkun ta' interess għal qorti nazzjonali, li qiegħda tfittex linji gwida interpretattiva sabiex tkun tista' tiddeċiedi jekk id-dispożizzjoni in kwistjoni għandhiex effett dirett, huwa neċessarju li tiġi eżaminata taħt titolu numru tlieta, li, minn aspett metodoloġiku, għandu jiġi meħud bħala komuni mat-tnejn l-oħra. Il-loġika tistipula li dan għandu jkun il-każ, għaliex iż-żewġ linji jikkonverġu fil-punt fejn l-applikabilità diretta tar-regola tirrikjedi eżami mill-qrib.

3. Eżami ta' l-Artikolu 33 tal-Ftehim TRIPs

89. Numru kbir ta' osservazzjonijiet li tressqu f'din il-proċedura preliminari indikaw, abbażi ta' qari wisq superfiċjali tad-dispożizzjoni in kwistjoni, li din hija ċara.

90. Jiena m'għandix l-istess fehma. L-Artikolu 33 tal-Ftehim TRIPs jinkludi żewġ premessi: l-ewwel, it-terminu minimu ta' protezzjoni tal-privattivi, li jistabbilixxi li huwa 20 sena; it-tieni nett, il-massimu, li jħalli fid-diskrezzjoni tal-leġiżlatur nazzjonali.

91. L-espressjoni mhijiex ċara u konsegwentement ġiet interpretata b'mod inkorrett. Id-dispożizzjoni bit-tifsira korretta tagħha hija ordni lill-Istati firmatarji: li jadottaw il-leġiżlazzjoni tagħhom dwar il-privattivi fuq l-ewwel premessa, u jipprovdu li dawn id-drittijiet ta' proprjetà industrijali jiġu protetti mill-inqas 20 sena mid-data ta' reġistraz-

76 — Timmermans, C. W. A., "L'Uruguay Round: sa mise en œuvre par la Communauté européenne", fir-*Revue du Marché Unique Européen*, Nru 4/1994, p. 178.

77 — Skond informazzjoni verbali mogħtija mid-Dipartiment ta' Affarijiet Legali tal-WTO.

zjoni. Min-naħa l-oħra, it-tieni premessa tad-dispożizzjoni tagħtihom diskrezzjoni sabiex jiffissaw it-terminu massimu.

92. Jista' jingħad li l-ewwel premessa għandha effett dirett 'asimmetriku' bħal fil-każ preżenti, fejn l-ksur jirriżulta minħabba li nżammet il-protezzjoni għal drittijiet intanġibbli ta' dak it-tip taħt il-limitu temporali, ladarba l-perijodu provviżorju mogħti mill-Ftehim TRIPs innifsu skada. Jidher li huwa inkontestabbli l-fatt li l-obbligu ta' l-Istati Membri jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha għal effett dirett. Għaldaqstant, dawk li huma milquta min-nuqqas ta' attività regolatorja għandhom id-dritt li jinvokaw id-dispożizzjoni kkontestata kontra l-Istat li wettaq il-ksur. Din is-sanzjoni hija sostnuta mill-iżviluppi tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-effett dirett vertikali tad-Direttivi.

93. Dubji ikbar jqumu meta jiġi rikonoxxut l-effett dirett orizzontali, minħabba n-nuqqas ta' limitu massimu. It-tmiem tal-perijodu ta' protezzjoni għal dawn id-drittijiet speċjali jaffettwa mhux biss il-pussessur tagħhom iżda wkoll, b'mod partikolari, terzi persuni u d-dominju pubbliku, li f'dan il-kuntest jirrappreżenta l-interess ġenerali. Kompetituri u anke l-awtorità ta' reġistrazzjoni xierqa għandhom ikunu jafu meta tintemm il-protezzjoni ta' dik il-privattivi fis-sistema legali nazzjonali.

94. Jekk il-leġiżlatura ma teżerċitax din is-setgħa, huwa impossibbli li jiġi stabbilit, sempliċement mit-termini ta' l-Artikolu 33, il-mument preċiż meta jiskadi t-terminu tal-monopolji li ġew mogħtija legalment. B'mod partikolari, li jiġi deċiż li huwa suffiċjenti li tiġi applikata l-għażla minima ta' 20 sena huwa ekwivalenti għal assunzjoni ta' poter tal-leġiżlatura u ma tkunx tista' tiġi invokata kontra terzi persuni.

95. Konsegwentement, l-Artikolu 33 tal-Ftehim TRIPs, peress li huwa suġġett għas-setgħa tal-leġiżlatura nazzjonali li tiffissa t-terminu eżatt ta' protezzjoni mogħtija lill-privattivi taħt il-kodiċi legali tagħha, m'għandux effett dirett.

96. Fl-aħħar nett, għandu jingħad ukoll li l-għan ta' l-Artikolu 70 tal-Ftehim TRIPs, dwar 'Protezzjoni ta' Fatti Eżistenti', iċċitat in sostenn ta' l-argument li l-Artikolu 33 għandu effett dirett, huwa li jagħti drittijiet li kienu diġà eżistenti meta l-Ftehim TRIPs daħal fis-seħħ, l-istess protezzjoni bħal dawk id-drittijiet mogħtija skond l-leġiżlazzjoni adottata mill-Istati firmatarji sabiex il-Ftehim jiġi implementat. Għaldaqstant, hija kwistjoni dwar estensjoni tal-protezzjoni ġdida lill-privattivi mogħtija preċedentement, u konsegwentement mhijiex marbuta ma' l-effett dirett tad-dispożizzjonijiet tagħha.

VI — Konklużjoni

97. Fid-dawl ta' dak li ġie kkunsidrat, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti r-risposta segwenti għad-domandi preliminari mressqa mis-Supremo Tribunal de Justiça Portugiż:

"L-Artikolu 33 tal-Ftehim dwar l-aspetti tad-drittijiet ta' propjetà intelletwli relatati mal-kummerċ, li jinsab fl-Anness I C tal-Ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, peress li huwa suġġett għal-leġiżlazzjoni nazzjonali sussegwenti sabiex jiffissa t-terminu eżatt tal-protezzjoni mogħtija lill-privattivi, m'għandux effett dirett u b'hekk ma jistax jiġi invokat bejn individwi quddiem qrati nazzjonali."